# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 717

KAZ NRU. 676

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Charles Casha

u

Bank of Valletta Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 27 ta' Mejju, 1996

Chairman : Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons) M.A.

Dan il-kaz bejn il-partijiet fuq imsemmija gie riferut lil dan it-Tribunal Industrijali b'ittra ta' l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani tal-24 ta' April 1992.

Sottomissjonijiet f'isem l-Appellant - Charles Casha kien dahal mal-Bank of Valletta Ltd fid-29 ta' Settembru 1985 bhala messaggier u wara xi xhur gie mlahhaq skrivan. L-impjieg tieghu gie terminat b'effett mill-10 ta' Dicembru 1991 wara li gie sospiz fid-29 ta' Awissu 1991 minhabba investigazzjonijiet mill-Bank. Il-pass estrem tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ma hux gustifikat specjalment meta wiehed iqis l-eta' tieghu u l-hwejjeg zghar allegati li kienu nvoluti. Mizura ohra ta' dixxiplina anke down grading mill-gdid ghall-post ta' messaggier kienet tkun aktar xierqa u f'waqtha.

Waqt li kien ghaddej il-kaz, is-sur Casha miet.

F'ismu gie sottomess li ghandu jibqa' meqjus li baqa' fl-impjieg sal-gurnata tal-mewt tieghu; li l-eredi jigu kumpensati bil-pagi u beneficcji l-ohra kollha dovuti lilu mill-Bank of Valletta Ltd sal-gurnata tal-mewt tieghu u li jinghataw l-beneficcji kollha li jirrizultaw mill-Artiklu 44 tal-Ftehim Kollettiv - "Death in Service Benefit."

Quddiem dan it-Tribunal ma tressqet ebda prova, ebda xhud jew klijent li imqar f'okkazzjoni wahda stqarrew li xi darba jew ohra, gie moghti xi bqija nieqsa mis-sur Casha. L-istess xhieda mressqa mill-Bank kollha ammettew li qatt ma kienu f'pozizzjoni li jkunu jafu x'kien l-ammont fi hlas dovut lil klijent li kien ikun qed jinqeda quddiem is-sur Casha, u kemm fil-fatt kien ikun l-ammont rejali li kien ikun thallas mis-sur Casha. Hadd qatt ma xehed kemm kien rejalment ha klijent wara li jkun thallas mis-sur Casha.

Tliet xhieda li fuqhom ibbaza l-kaz tieghu l-Bank, kellhom dubji dwar in-numru ta' muniti li allegatament kienu jaraw fejn il-Cash Tray tieghu, u bl-ebda mod ma jistghu jwasslu ghal xi konkluzzjoni li dawn il-muniti kienu dovuti lil xi klijenti. Il-Bank kien konxju li s-sur Casha kien ibati mill-vista t'ghajnejh u fl-eta' ta' 50 sena ma kienx kaxxier idejali.

F'isem il-Bank of Valletta Ltd gie sottomess li xhieda mportanti tghid li kienet tinnota lill-appellant iqieghed il-muniti fit-tray tal-muniti tieghu wara li l-klijent jitlaq mill-cubicle u xehdet ukoll li rat it-trasferiment ta' dawn il-muniti fil-but tal-qmis. Probabbli dan seta' jsir minhabba "blind spot" kawzat mill-"frame"

ta' l-aluminju li kien jostakola l-vista tal-klijent. Ix-xhud stqarret li rat dawn l-istess movimenti prattikament wara kull transazzjoni meta xi jiem wara l-ewwel incident ma setghetx ma tinnotax lill-istess appellant li kien magenb il-"cubicle" taghha.

Xhud iehor tkellem dwar kif segwa lill-appellant li kien iqieghed xi muniti barra mill-vista taghhom fi "blind spot". Ghalkemm ma rahx iqieghed xi muniti fil-bwiet, innota li l-but tal-qmis kien mimli muniti u l-muniti qrib it-tray tieghu mhux aktar hemm. L-istess xhud qal li l-appellant regolarment ma kienx jaghti l-kopja tat-transazzjoni lill-klijent.

Il-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom il-Bank kienu li :

(a) il-"blind spot" fil-"cubicle" kienet tintuza mill-appellant biex ma jiehdux il-muniti kollha dovuti lilhom;

(b) il-muniti li kienu jithallew mill-klijent kienu wara jit-qieghdu mill-appellant fil-but tal-qmis tieghu;

(c) il-klijenti ma setghux jiccekkjaw l-ammont dovut lilhom ghax ma kinux jinghataw kopji tat-transazzjoni;

(d) l-appellant ma ddisputax it-talbiet tal-klijenti li kienu jinghataw bqija nieqsa hafna minnhom turisti, u kien ihal-lashom il-muniti minghajr ma jivverifika, f'xi kazi mill-but fuq sidru.

<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u> - il-partijiet kellhom kull opportunita' tul 14-il seduta biex iressqu x-xhieda u d-dokumenti kollha rilevanti. It-Tribunal analizza metikolozament l-aspetti dettaljati kollha ta' dan il-kaz bi kriterji awtonomi mill-proce-

duri interni segwiti mill-Bank. Ikkonstata wkoll li l-istess appellant inghata kull opportunita' ghal difiza xierqa fil-proceduri interni vigenti fil-Bank. Fl-istess waqt id-difiza ta' l-appellant ampjament analizzat ic-cirkostanzi tal-kaz u l-kredibilita' essenzjali tax-xhieda principali flimkien ma' aspetti mitiganti.

It-Tribunal kellu l-oneru li jiddistingwi l-aspetti essenzjali tal-kaz mill-izviluppi emozzjonali li bilfors qamu bil-mewt hesrem ta' l-appellant. F'kuntest purament ta' analizi oggettiva it-Tribunal irid iqiegħed il-kaz fil-perspettiva preciza tieghu ta' istituzzjoni bankarja karatterizzata minn proceduri rigidi u precizi li jirregolarizzaw ir-rapport ta' fiducja bejnu u bejn kull dipendent tieghu.

L-argument dwar li l-allegat ammont kien zghir ma jregix ghax f'kazi bhal dawn Tribunali simili ttrattaw is-sustanza tal-principju fundamentali tal-fiducja li trid tintrebah f'istituzzjonijiet simili u f'rapporti ta' responsabbilita'. Il-konkluzjonijiet tal-Bank setghu gew evitati kieku ttiehdet azzjoni f'waqtha ghal bidla fix-xoghol ta' kaxxier jekk tassew kien hemm talba f'dan is-sens qabel ma sehhew l-allegati incidenti. Dan pero' ma jbiddilx in-natura tal-konkluzzjonijiet finali li wasal ghalihom il-Bank permezz tal-proceduri interni li segwa f'diversi stadji.

Kif gie osservat f'dawn il-konsiderazzjonijiet it-Tribunal kellu kaz pjuttost uniku minhabba l-mewt ta' l-appellant f'eta pjuttost avvanzata fil-karriera tax-xoghol tieghu. Ghaldaqstant waqt li

ddistingwa d-deliberazzjoni teknika tieghu bil-konferma sostanzjali tat-tezi tal-Bank ihoss li f'dan il-kaz specjali ghandu jirrakkomanda bla pregudizzju ghas-sostanza essenzjali tal-kaz, il-hlas ta' pagament ex gratia fl-ambitu ta' xi drittijiet ghallbeneficcji li l-appellant seta' gawda minnhom kieku baqa' haj bhala gest umanitarju biex itaffu parti mill-ispejjes li l-eredi kellhom isostnu, u kkunsidrati xi "mitigating factors". Gest bhal dan ikun ta' gieh lill-partijiet kollha f'dan il-kaz specjali.

F'isem l-appellant deher is-sur Karmenu Vella President tal-S.T.P.S.A. tal-General Workers' Union u s-sur Hubert Caruana Assistant General Manager Human Resources Division f'isem il-Bank of Valletta.

Ghall-finijiet tar-regolamenti ta' l-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) maghmula taht l-Att al-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, it-Tribunal qed jintaxxa dawk il-persuni li dehru ghaz-zewg partijiet fis-somma ta' erbghin lira maltin (Lm40) kull wiehed.

B'ħekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Tonio Portughese
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU
mrg